MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2006

Appell Kriminali Numru. 305/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Tabone**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Tabone talli fil-kwalita` tieghu ta' Direttur ta' Tabone Computer Centre Ltd., (C12340) ta' 111 Old Railway Track Sta. Venera, meta fil-25 ta' Ottubru 2002, temm il-kuntratt definit ta' Mario Sammut Alessi, liema kuntratt kellu jiskadi fid-9 ta' Ottubru 2003, naqas li jikkumpensah fl-ammont ta' Lm2,633.65c.

Il-Qorti giet mitluba li tordna lill-imsemmi Joseph Tabone jhallas lil Mario Sammut Alessi l-ammont ta' Lm2,633.65

bhala kumpens ghall-ksur tal-kuntratt li kellu jiskadi fid-9 ta’ Ottubru 2003;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta’ Ottubru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 34(11) u 41(4) tal-Kap. 135 tal-Ligijiet ta’ Malta, ordnat lill-imsemmi Joseph Tabone jhallas lil Mario Sammut Alessi Lm2,633.50 kif mitlub fl-akkuza (*sic!*) u kkundannatu fil-kwalita` tieghu premessa li jhallas mitejn lira (Lm200) multa skond l-artikolu 41(3) proviso;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' Joseph Tabone pprezentat fl 1 ta’ Novembru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Minn ezami akkurat tas-sentenza appellata ma jidhirx li giet espressament dikjarata l-htija ta l-appellant ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu. Fil-motivazzjoni jissemma mill-ewwel Qorti illi hija ma tistax temmen lill-appellant u li kienet qed taccetta dak li qal Mario Sammut Alessi, taghmel referenza ghal-ligi allura vigenti (il-Kap. 135), tikkomputa l-ammont li ghandu jithallas lill-imsemmi Mario Sammut Alessi fl-ammont ta’ Lm2,633.65 u mbaghad tghaddi biex tordna lill-appellant ihallas l-ammont ta’ Lm2,633.50 (*sic!*) lill-istess Mario Sammut Alessi oltre li tikkundannah ihallas multa ta’ Lm200. Izda dan taghmlu minghajr dikjarazzjoni espressa ta’ htija ta’ l-imputazzjoni kif dedotta.

Skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9, il-Qorti tal-Magistrati, **“meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat”.**

Skond gurisprudenza kostanti ta’ din il-Qorti, in-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita` tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta’ formalita` sostanzjali fis-sens ta’ l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali. F’kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata[1].

Gie ukoll ritenut li l-Qorti tista’ dejjem tirrileva tali nuqqas *ex officio* ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan[2].

Ghalhekk f’dan l-istadju din il-Qorti *ex officio* tannulla s-sentenza appellata u tibghat il-process lura lill-ewwel Qorti biex jigi rettifikat dan in-nuqqas fis-sentenza appellata li jikkonsisti filli l-ewwel Qorti ma ddikjaratx li kienet qed issib htija fl-appellant ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tannulla s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerga’ jitpogga fil-pozizzjoni li kien immedjatament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terga’ tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Ara l-Appelli Kriminali fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Donald Cilia**, 24 ta’ April 2002; **Il-Pulizija v. Benjamin Muscat**, 28 ta’ Gunju 2002 u 10 ta’ Lulju 2002; **Il-Pulizija v. Joseph Zahra**, 9 ta’ Settembru 2002; **Il-Pulizija v. Paul Cachia**, 25 ta’ Settembru 2003; **Il-Pulizija v. Mark Portanier**, 14 ta’ Settembru 2004; **Il-Pulizija v. John Axiaq et**, 19 ta’ Mejju 2005; **Il-Pulizija v. Stefan Abela**, 2 ta’ Frar 2006; **Il-Pulizija v. Anthony Borg**, 1 ta’ Gunju 2006.

[2] Ara l-Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Anthony Zahra**, 26 ta’ Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Vincent Cucciardi**, 6 ta’ Jannar 2005.